PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

6.6.2007 0059/2007

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Johan Van Hecke, Gabriele Zimmer, Ana Gomes, Anders Wijkman u Hélène Flautre

dwar l-impunità ta' persuni li allegatament wettqu r-reat ta' ġenoċidju

Data ta' skadenza: 11.10.2007

**0059/2007**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-impunità ta' persuni li allegatament wettqu r-reat ta' ġenoċidju**

*Il-Parlament Ewropew*,

- wara li kkunsidra r-rapport annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Parlament Ewropew

- wara li kkunsidra r-Regola 116 tar-Regoli ta' Proċeduri tiegħu,

A. billi l-Parlament Ewropew dejjem aktar u bir-raġun jassumi l-pożizzjoni ta' għassies tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja,

B. billi l-impunità għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem hija għal kollox inaċċettabbli,

1. Juri l-fehma li skond ir-rapporti tal-NGOs, għallinqas 37 suspettat ta' ġenoċidju fl-Irwanda jibbenefikaw minn impunità fl-Ewropa;

2. Juri l-fehma li ġuriżdizzjoni universali hija strument vijabbli sabiex bih tiġi żgurata l-kontabilità;

3. Jiddispjaċih li differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' xi Stati Membri u n-nuqqas ta' impenn prattiku jimpedixxu l-prosekuzzjoni ta' perpetwaturi ta' ġenoċidju.

4. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iżidu l-impenn tagħhom fil-glieda kontra l-impunità u sabiex isaħħu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-kontabilità tal-perpetwaturi ta' ġenoċidju;

5. Jistieden lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri sabiex jikkonformaw ma' l-obbligi legali internazzjonali, sabiex il-perpetwaturi ta' delitti internazzjonali serji jkunu jistgħu jinġiebu quddiem il-ġustizzja fl-Ewropa;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.